Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 394/2004

**John G. Cassar Limited**

**vs**

**Grazia sive Grace Aquilina, Josef Aquilina
u
Rosanna Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta' Lulju tas-sena 2004 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Ihallsu l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u tlieta u ghoxrin Lira Maltin u sbatax-il centezmu, (LM3,423.17,0), rappresentanti valur ta' disa' (9) kambjali

maturi (kopji annessi u mmarkati Dok. “JGC1 sa JGC9”) favur is-socjeta’ attrici, kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza. Bl-interessi skond il-ligi mid-data ta’ l-iskadenzi relattivi;

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandati ta’ sekwestru u ta’ qbid presentati kontestwalment, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota konguntiva tal-konvenuti datata l-14 ta’ Ottubru tas-sena 2004 li permezz taghha ammettew it-talbiet tas-socjeta’ attrici;

Ghaldaqstant din il-qorti tikkundanna lill-konvenuti fuq indikati biex ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u tlieta u ghoxrin Lira Maltin u sbatax-il centezmu (LM3,423.17,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti skond il-ligi.

Marica Sammut
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------